Kitba li dahlet ghall-konkors Kitba dwar Folklor 1988 Taqsima tfal.

# L-ILMA ZAHAR

Minn Lawrence Bajada

(ipprezentat mill-Mixed School, Xaghra, Ghawdex)

Nhar is-Sibt li ghadda, jien mort inqatta' ftit hin ghand in-nannu tieghi li joqghod ftit il-boghod mid-dar taghna. X'hin wasalt, huwa kien fil-gnien isaqqi s-sigar. Waqt li kont hdejh, qabadni ugigh ta' zaqq, u meta ghedt lin-nannu, huwa tani ftit ilma zahar, ghax qalli li dan tajjeb hafna ghall-istonku. Wara, huwa qaghad jirrakkuntali dwar l-ilma zahar.

I-x-xoghol ta' l-ilma zahar, fix-Xaghra, huwa uniku f'Ghawdex. Dari kont issib hafna nies li jaghmluh, izda llum ftit li xejn ghad fadal minnhom.

Dan isir fl-istagun tar-rebbiegha, meta s-sigar tal-laring ikunu biz-zahar; ghax dan l-ilma huwa essenza taz-zahar tal-laring tal-bakkaljaw.

Biex isir, wiehed irid ikollu s-sengha, ghax irid hafna xoghol. Ir-recipjent li jsir fih, jghidulu LAMPIK, li jkun qisu kaldarun kbir.

L-ewwel jaqtghu iz-zahar u l-weraq tal-laring. Dan jitfghuh gol-lampik flimkien ma' l-ilma u jpogguh fuq in-nar. Meta jaghli ipoggulu l-kappell, u jimlewh bl-ilma, biex il-mishun jinzel l-isfel, u l-ilma jibqa' frisk.

L-ilma zahar tajjeb hafna ghall-istonku, u dari kull familja kien ikollha flixkun id-dar.

Min ikun irid aktar taghrif dwar l-ilma zahar jista' jkellem lin-nannu f'dan l-indirizz: Marlaw, 8th Sept.Ave., Xaghra, Gozo.

# Il-Lampik


Il-kappell fejn jitfgħu l-ilma
Flixkun fejn jinżel l-ilma
Fejn jinżel il-mixkun.
Kenur

